MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 62

16 ta' Novembru 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 62 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 61 mingħajr emendi, kif wkoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett *Let's Art* flimkien ma' żgħażagħ minn Elblag fil-Polonja (P/10/10)

2.1.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuti 2.6.1 u 6.4 tas-Seduta preċedenti, 2.9.1. tas-Seduta Nru. 60 u partikularment għall-minuta 22.1. tas-Seduta Nru. 59.

2.1.3. Is-Sur P. Cutajar spjega li l-€1,005 li għaddew l-imsieħba Pollakki ma kinux jissarfu f'70% imma tal-ispejjeż li saru fuq l-ivjaġġar mill-grupp ta' żgħażagħ Melleħin. Dan l-ammont fil-fatt huma inqas, għar-raġuni li dawn għaddew is-somma li kienet stmata fl-applikazzjoni li ssottomettew għall-fondi l-imsieħba Pollakki. Stqarr ukoll li huwa ma kellux biljetti ta' ivvjaġġar li sar fil-Polonja, għar-raġuni li dawn tħallsu lill-grupp mill-organizzaturi fil-Polonja stess.

2.1.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nefqa totali fuq dan il-proġett kienet tammonta €2,150 u ġiet irkuprata kollha permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament, li permezz tiegħu ġiet allokata s-somma ta' €1,190. Din ippermettiet li l-ispejjeż tal-ivjaġġar jitħallsu sħaħ lill-parteċipanti kollha.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li Transport Malta għalqet waħda mill-karreġġjati f'Dawret il-Mellieħa u attwalment jista' jitla' traffiku ġej mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa. Aktar ma l-proġett jipprogressa, jeħtieġ li t-triq tingħalaq totalment. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-General Retailers & Traders Union sejħet laqgħa għas-sidien tan-negozji fit-toroq ewlenin u stiednet uffiċjali minn Transport Malta u l-Kunsill Lokali sabiex jiffurmaw parti mill-*panel*. Huwa kompla jgħid għandha tittieħed l-opportunita` biex itenni proposta sabiex Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' *one-way* 'l isfel, ħlief

għall-karozzi tal-linja Nru. 41, filwaqt li jibqa' l-ipparkjar fuq naħa waħda. Il-laqgħa ser issir fl-24 ta' Novembru 2011 fil-Maritim Hotel Antonin & Spa fl-10.00am

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta imressqa.

**2.3.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)**

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-istudju msemmi ser jiġi ppreżentat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, fil-Berġa ta' Kastilja, nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2011 fl-4.00pm.

2.3.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

**2.4.1. Tħejjija ta' *Energy Audit* (C/3/2/Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja – Ms Maryrose Leone – sabiex jiġu ffissati *time-frames* dwar it-tħejjija tar-rapport li ser ikun ikopri kull kamra li hemm fl-istess skola. Huwa kompla jgħid li l-mira hija li l-ewwel riżultati illi joħorġu minn dan l-eżerċizzju jkunu jistgħu jiġu ppreżentati f'Jum l-Kunsill fil-jum dedikat għat-tfal.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

**2.5.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol għaddej b'ritmu mgħaġġel u qed isir sforz biex dan jitlesta sa Diċembru 2011.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-pregress li qed isir.

**2.6.1. Twaqqif ta' Kumitat tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi hekk kif ikunu magħrufa l-persuni kollha nominati mill-għaqdiet sportivi li ser ikunu involuti fit-tmexxija tal-park, dawn jittieħdu żjara fuq il-post. Is-Sur R. Cutajar qal li sad-data tas-seduta, il-persuni li ġew nominati sabiex iservu fuq il-Kumitat tat-Tmexxija, kienu kif ġej:

| **Assoċjazzjoni** | **Rappreżentant** | **Sostitut** |
|---|---|---|
| Mellieħa Athletic Club | Julian Borg | Ivan Cassar |
| Mellieħa Netball Team | Tania Bugeja | Judith Cila |
| Mellieħa Volleyball Team | Ruby Anne Cauchi | Ruth Borg |
| Mellieha Basketball Team | Matthew Cauchi | Hilary Fenech |

2.6.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-31 ta' Ottubru 2011 għalqet is-sejħa dwar id-dwal tal-park. Huwa qal li kien hemm sitt kuntratturi li ġabru d-dokument tal-offerta, filwaqt li wieħed biss issottometta l-offerta tiegħu. Din ġiet mgħoddija lill-perit nkarigat mill-proġett sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu. Is-Sindku għarraf ukoll li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports ħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir *open air gym*, bħala parti mill-Park tal-Familja. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qed jipproċessa sejħa għall-offerti dwar il-pavimentar tal-passaġġi.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Inizjattivi mnedija mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. u qal li huwa ġie kkuntattjat mill-Għaqda msemmija dwar ix-xiri ta' *shredder*. Huwa ġie nfurmat li x-*shredder* mixtrija hija waħda żgħira u tiflaħx għal xogħol ta' ċertu daqs. Għaldaqstant talbu lill-Kunsill sabiex jixtri waħda li tkun tista' tinstilef lilhom.

2.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jintalbu stimi wara li jiġu ffissati l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir in kwistjoni.

2.7.4. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 14 ta' Novembru 2011, fejn l-istess għaqda talbet lill-Kunsill sabiex iwaħħal żewġ *notice boards* – waħda fi Triq Għajn Żejtuna, kantuniera ma' Triq il-Pont u oħra aktar 'l isfel fi Triq Għajn Żejtuna.

2.7.5. Il-proposta ġiet milqugħa u kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu bħal dawk li twaħħlu mill-Kunsill f'postijiet oħra fil-lokalita`.

2.7.6. Is-Sur C. Debono fakkar li proposta oħra li saret mill-Għaqda tinvolvi l-bini ta' żewġ ġwiebi, fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Pont u kantuniera ma' Triq il-Qasab. Dan bil-għan li jieħdu l-ilma tax-xita li jinżel fit-toroq tal-estate, liema ilma jkun jista' jintuża fix-xhur tas-sajf għat-tisqijja tas-siġar fil-wied.

2.7.7. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa bejn l-għaqda u l-*Contracts Manager* sabiex din l-ideja tkun tista' tiġi żviluppata aktar.

### 2.8.1. Ħannieqa Kotba Melleħin u sehem fil-Fiera tal-Ktieb 2011 (F/5)(P/3/5)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-istampar tal-ktieb ta' proża "Iż-Żija tal-Mellieħa" tlesta fil-ħin biex ikun jista' jitpoġġa għall-bejgħ fl-i*stand* tal-Kunsill Lokali fil-Fiera tal-Ktieb 2011 li saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzu fil-Belt Valletta, bejn id-9 u t-13 ta' Novembru. Huwa għarraf ukoll li nbiegħu b'kollox b'kemm jiswew €1,000.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Festival Internazzjonali tal-Korijiet (A/5/1)

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-kunċert mogħti minn *"The Orpharium Female Chamber Choir"* fit-2 ta' Novembru 2011, intlaqgħa tajjeb minn dawk li attendew. Is-Sur R. Cutajar qal li l-membri tal-kor apprezzaw it-trattament li ngħataw fix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, wara li ntemm il-kunċert.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.10.1. Taħriġ dwar l-*empowerment* taż-żgħażagħ - Marzu/Mejju 2012 (Z/1/Vol V)

2.10.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-12 ta' Novembru 2011 huwa ta preżentazzjoni dwar *best practices* fir-rigward tal-Kunsilli Lokali, waqt seminar li ġie organizzat f'Dar il-Medditeran għall-Konferenza, għal żgħażagħ li huma nteressati li jipparteċipaw fil-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ.

2.10.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li mill-Mellieħa kien hemm l-ikbar grupp magħmul minn 26 persuna. L-ewwel laqgħa li ser tiġi organizzata għal dan il-grupp ser issir fit-23 ta' Novembru 2011 fl-uffiċċju tal-Kunsill, meta ser jiltaqgħu mas-Sinjorina Mary Ann Bonavia, il-*Youth Worker* li ġiet assenjata mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.11.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara l-kuntatti li huwa kellu ma' Transport Malta, ġiet iċċarata s-sitwazzjoni dwar l-kostruzzjoni ta' Triq il-Mellieħa, biswit Ġnien iż-Żerniq u Misraħ il-Parroċċa. Is-Sur R. Cutajar spjega li din it-triq kienet imdaħla fil-programm dwar il-kostruzzjoni ta' toroq ta' Transport Malta fuq talba mill-Kunsill, flimkien ma' toroq oħra fil-lokalita`. Huwa fakkar li l-iffinanzjar tal-kostruzzjoni ta' Triq il-Wied Ta' Ruman tinvolvi spiża konsiderevoli, filwaqt li x-xogħol jinvolvi kostruzzjoni, liema obbligu statutorju huwa direttament ta' Transport Malta. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, is-Sur R. Cutajar ippropona li l-flus allokati fuq ir-*resurfacing* ta' toroq għandhom jitħallew fuq Triq l-Armier, billi titkompla minn Triq ir-Ramlet il-Qortin 'il ġewwa.

2.11.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta, u ddeċieda li għandhom jsiru t-tħejjijiet meħtieġa biex jitkompla r-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, li possibilment għandu jitlesta fl-2011.

### 2.12.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

2.12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Kumitat Olimpiku Malti sejjaħ konferenza stampa għat-3 ta' Diċembru 2011, filwaqt li fis-7 ta' Diċembru 2011 ser jiġu ppreżentati l-unuri.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.13.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.13.2. Is-Sindku fakkar li kienet saret talba għal finanzjament tal-proġett imsemmi. Sar magħruf li dan ser jibbenefika minn fond għal inizjattivi speċjali amministrat mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. L-istess Segretarjat ser ikun kommess li jgħaddi €300,000. Is-Sur R. Cutajar qal li dan ser jitħabbar uffiċjalment waqt konferenza li ser tingħata mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said fit-22 ta' Novemberu 2011 f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa stieden il-Kunsillieri sabiex jattendu.

2.13.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

2.13.4. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ltaqa' mal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u ddiskuta miegħu l-possibilta` li jgħaddi lill-Kunsill il-kamra li kienet tintuża mid-despatchers tal-karozzi tal-linja sabiex tinbidel f'uffiċċju informazzjoni għat-turisti. Diskussjonijiet simili saru mal-Kappillan Joe Caruana dwar kamra oħra li hemm fil-qrib. Billi t-tnejn irrifjutaw, jidher li ser ikollha tinżamm il-kamra eżistenti tat-*tourist information office*. Is-Sindku saħaq li s-servizz li qed jingħata minn dan l-uffiċċju huwa vitali għal-lokalita` turistika bħalma hija l-Mellieħa u għalhekk jrid jinstab mezz ħalli jiġu pprovduti l-faċilitajiet meħtieġa biex jakkomodawh.

2.13.5. Il-Kunsilier J. Buttigieg ippropona li jsir kuntatt mal-inkwilin tal-kjosk eżistenti, peress li attwalment qed jinżamm magħluq, bil-għan li jkun jista' jakkomoda l-uffiċċju msemmi.

2.13.6. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li kemm-il darba ser jsir investiment fit-tisbiħ tal-misraħ, ikun jagħmel sens jekk il-kamra li attwalment qed isservi ta' *tourist information office* titwaqqa' u jinstabu mezzi oħra kif jista' jingħata s-servizz xorta waħda minn *cubicle* temporanja, li tkun irtirata aktar 'il ġewwa u hekk tkun iktar aċċettabbli f'dik li hija dehra.

2.13.7. Il-Kunsill qabel li l-proposta mressqa fil-minuta 2.13.6 għandha tingħata aktar konsiderazzjoni bl-involviment tal-perit inkarigat mill-proġett.

2.13.8. Is-Sindku ppropona li l-proġett tal-misraħ jista' jiġi estiż sabiex jinkludi it-titjib fl-aċċessibilita` għax-Xelters tat-Tieni Gwerra minn Triq il-Madonna tal-Għar, kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri, kif ukoll issir manutenzjoni tat-turġien li jwasslu għall-Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa fakkar li kien inħareġ permess mill-MEPA – PA 2964/09 – li jkopri dan it-tibdil.

2.13.9. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sindku fil-minuta 2.13.8.

## 2.14.1. Servizz bil-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

2.14.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li qed ikun hemm passiġġieri li jilmentaw minħabba t-tul tar-Rotta 102 li tgħaqqad, l-*interchange*, Selmun, Mellieħa Heights, Ċirkewwa, Manikata, Għajn Tuffieħa, Mġarr u l-Ġnejna. Qed jiġri li xi passiġġieri jirkbu mill-Mellieħa għall-Imġarr jew l-Manikata illi qed jilmentaw li qabel jaslu għad-destinazzjoni tagħhom qed ikollhom imorru ċ-Ċirkewwa. Huwa kompla jgħid li ħafna jistgħu jevitaw dan, kemm-il darba jirkbu mill-*bus stop* tal-Ħalqun, li jinsab fi Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq Vincenzo Ciappara, minn fejn il-karozza tibqa' sejra direttament lejn il-Manikata.

2.14.3. Is-Sindku qal li r-rotta 232 (Mellieħa / Tal-Qroqq) qed taħdem tajjeb, għalkemm kien hemm ilmenti li għandha tidħol fl-Isptar Mater Dei, biex taqdi kemm lil min iżur l-isptar, kif ukoll lill-istudenti tal-universita`. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li dan kien intenzjonat sabiex ma' tinħoloqx konġestjoni quddiem d-daħla għall-Isptar. Qal ukoll li talab lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaraw x'soluzzjonijiet jista' ikun hemm sabiex ir-rotta 232 tibda tieqaf aktar qrib id-daħla ewlenija tal-isptar.

2.14.4. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li r-rotot 221 (Buġibba / Ċirkewwa) u 222 (Sliema Ferries / Ċirkewwa), intlaqgħu tajjeb. Dawn ser jinżlu u jitilgħu mit-toroq ewlenin. Transport Malta assikuraw li r-rotta ewlenija Nru. 41 Ċirkewwa / Valletta ser tibqa' tgħaddi 'il fuq u 'l isfel minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira, anke meta jkun għaddej ix-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa, filwaqt li ser jitħalla l-ipparkjar kif qed isir attwalment.

2.14.5. Is-Sindku qal li qed isir aċċenn fuq l-osservazzjoni tal-ħinijiet meta l-karozzi tal-linja jaslu fuq il-*bus stops* skont l-iskeda tal-ħinijiet indikati fuq it-tabelli mwaħħla mal-istess bus stop. Qed jiġri li xi passiġġieri mhux qed jaċċettaw stennija, jekk ma jkunux fl-*interchanges*.

2.14.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li xi xhur qabel kienu saru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitwaħħlu dwal ġodda fl-*interchange* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Fin-nuqqas ta' tweġiba u fl-interess tas-sigurta` tal-passiggieri li jkunu jistennew hemmhekk, ittieħdet azzjoni permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex twaħħal riflettur biex idawwal il-post.

2.14.7. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/10/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 21/10/2011 – 14/11/2011;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' offerti – Installazzjoni tal-elettriku fil-Park tal-Familja (Sejħa 4/2011)
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2011

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. GF/00111/11 – Spustjar tal-*main* tad-drenaġġ mis-sit tal-estensjoni tal-lukanda Seabank fl-Għadira (P/5/8/G)

4.1.2. Is-Segretarju aċċenna għal *e-mail* datat 5 ta' Novembru 2011 u ndirizzat lill-membri kollha tal-Kunsill dwar *project description statement* li jitratta l-iżvilupp imsemmi. Dan, peress li l-MEPA iffissat d-9 ta' Novembru 2011 sa meta jistgħu jsiru rapprezentazzjonijiet dwar il-proposta deskritta fl-istess document. Huwa spjega li din it-talba tinvolvi talba sabiex il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jeħtiġilha tispostja l-*main* tad-drenaġġ 'il barra mis-sit fejn attwalment għaddej ix-xogħol fuq l-estensjoni tal-lukanda Seabank. Il-Kunsillieri ġew mistiedna sabiex jagħtu il-kummenti tagħhom qabel d-data tal-għeluq. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li sad-data tal-għeluq huwa ma rċieva ebda komunikazzjoni dwar din l-applikazzjoni.

4.1.3. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. *Parking bays* fi Triq N. Caruana Dingli (T/3/2/Vol X)

4.2.2. Inqara *e-mail* datata 6 ta' Novembru 2011, mibgħut minn resident fl-istess triq sabiex jiġi organizzat aħjar l-ipparkjar fit-triq imsemmija. Hija lmentat li attwalment qed ikun hemm ħela ta' spazju minħabba pparkjar bl-addoċċ.

4.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg kkummenta li l-persuna konċernata tidher li qed tirreferi għall-parti li tinsab bejn Triq Sant' Elena u Triq Vincenzo Ciappara. Huwa qal li din il-parti tkun l-iktar okkupata fil-ħinijiet ta' filgħaxija, waqt il-ħin li jkun hemm it-taħriġ jew il-logħob fil-*ground* Ta' Pennellu. Aċċenna wkoll għall-fatt li hemm resident li jagħlaq *coach* ta' ċertu daqs, illi diffiċli li jimmanuvra biħ bil-vetturi pparkjati faċċata tiegħu. Huwa qal li forsi jkun aħjar jekk l-arranġamenti proposti jiġu kkunsidrati fi Triq Vincenzo Ciappara, bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Qamħ.

4.2.4. Is-Sindku kkummenta li s-sid tal-*coach* illi saret referenza għaliħ kien ippoġġi *cone* biex ma jipparkja ħadd faċċata tal-garaxx tiegħu. Dan ġie ordnat mill-Pulizija sabiex ineħħiħ. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba dan għandu problemi biex jidħol u joħroġ mill-garaxx, għandhu jagħmel talba sabiex issir linja safra faċċata tal-istess garaxx.

4.2.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandu jintroduċi *parking bays* fit-toroq segwenti:

- Triq it-Tramuntana, bejn Triq il-Madonna tal-Għar u Triq is-Santwarju;
- Triq San Pawl kollha;

- Triq Sant' Elena, bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq Ġorġ Borg Olivier;
- Triq Dun Franġisk Sciberras, bejn Triq Sant' Elena u Triq Franġisk Zahra;
- Triq Dun Frangisk Sciberras, bejn Triq Sammy Bartolo sa isfel nett.

**4.3.1. Tqassim ta' qsari lir-residenti (P/4/17)**

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Novembru 2011, mibgħut mill-Environmental Landscapes Consortium Ltd, fejn intqal li ser tittieħed inizjattiva flimkien mal-Kunsilli Lokali li tinvolvi t-tqassim ta' 250 qasrija bi pjanti tal-istaġun, lir-residenti fil-qalba tal-lokalitajiet, bil-għan li jinħoloq ambjent isbaħ. L-iskop huwa li dawn jiġu ndukrati mill-istess residenti u wara erba' xhur jinbidlu mill-E.L.C. Il-proċess jiġi ripetut għall-aħħar darba erba' xhur wara. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk huwiex ser jipparteċipa u f'każ li d-deċiżjoni tkun fl-affermattiv, kemm jikkalkola li jeħtieġu qsari.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li jissieħeb f'din l-inizjattiva u kien tal-fehma li tista' tinvolvi il-postijiet li ġejjin:

- Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- Triq Salvinu Vella;
- Triq il-Parroċċa;
- Triq il-Kappillan Magri; u
- Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata.

**4.4.1. Devoluzzjoni ta' bini fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 11 ta' Novembru 2011, mibgħut mill-amministrazzjoni tal-Park tal-Majjistral, fejn għarrfu li l-Gvern għaddielhom xi proprjeta` f'Għajn Tuffieħa, kif ukoll li fid-19 ta' Novembru 2011 ser ikun qed isir tindif tal-istess postijiet. Sar appell lill-Kunsill sabiex jikkontribwixxi billi jalloka numru ta' *open skips* ħalli l-iskart miġbur jintrema fihom.

4.4.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

4.4.4. Is-Sindku għarraf ukoll li waħda mill-binjiet ser tiġi devoluta lill-Kunsill. Din tinsab ftit 'il bogħod mit-triq prinċipali fejn qabel kien hemm il-*guard room*.

4.4.5. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 16 ta' Novembru 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn il-21 ta' Ottubru u l-14 ta' Novembru 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

**7.1. Sejħa għall-offerti b'rabta mad-dwal fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li fil-31 ta' Ottubru 2011 għalqet is-sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni tad-dwal fuq barra, kif ukoll dawk ġewwa l-bini fil-Park tal-Familja. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-dokument tal-offerta nġabar mill-kuntratturi segwenti:

- Mica Med Ltd
- MF Electricts
- Brighter Solutions
- IBT Lighting
- Ellul Interiors
- JGC Ltd

7.3. Is-Sur C. Debono qal li Mica Med Ltd issottomettew l-offerta tagħhom, skont ir-rati li jidhru mqabbla mal-istima tal-periti nkarigati mill-proġett – M.P. & D.C. Ltd, kif jidher fl-iskeda mehmuża ma' dawn il-minuti. Dawn ġew mgħoddija lill-perit sabiex flimkien ma' inġinier tal-elettriku jagħmlu l-evalwazzjoni tagħhom.

7.4. Is-Sindku kkummenta li kien hemm diskrepanza qawwija bejn ir-rati mogħtija mill-inġinier u dawk offruti, għalhekk jeħtieġ li dawn jiġu diskussi mal-offerent sabiex jiġi żgurat li huwa ma marx oltre l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fid-dokument tal-offerta.

7.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab laqgħa mal-periti M.P. & D.C. fit-22 ta' Novembru 2011.

## 8.1. Żvilupp tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

8.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda l-Perit Stephen Farrugia sabiex jisjega l-proposti ġodda b'rabta mal-iżvilupp imsemmi. Is-Sindku ssusspenda s-seduta sabiex is-Sur Farrugia jkun jista' jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu. L-iżvilupp in kwistjoni jinvolvi tliet talbiet - PA 1302/06 minn Central Asphalt Ltd, PA 1927/06 minn Ballut Blocks Ltd u PA 2761/06 mressqa minn Michael Bharwani.

8.3. Il-Perit Stephen Farrugia qal li l-*Environment Impact Statement* li kien sar wara li ġiet sottomessa l-proposta oriġinali, kien qed jiġi aġġornat għaliex għalkemm l-proposta l-ġdida xorta waħda kienet ibbażata fuq il-kunċett ta' *floor area ratio*, l-għoli tal-blokki kien tnaqqas minn tlettax-il sular għal tmienja, fuq in-naħa ta' Triq Ta' Masrija. Għalhekk, in-numru ta' *units* residenzjali tnaqqas minn 462 għal 252. Huwa propost li jitħallew tliet kuriduri jew *belvederes,* li jinfdu viżwalment minn Triq Ta` Masrija. Għalhekk ser jitħallew passaġġi pedonali bejn il-blokki, li jibqgħu sejrin sa fuq ir-riħ ta' Triq Lewis Wettinger. Dawn *area*s ser jibqgħu proprjeta` privata, għalkemm ser ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. Il-Perit Farrugia spjega li kieku l-art in kwistjoni tiġi mqassma fi *plots*, jidħlu madwar 362 *unit*. Biex jitnaqqas l-impatt ta' dan l-għoli, il-binja ser tiġi rtirata aktar 'il ġewwa mil-linja tat-triq b'sitt metri, sabiex id-distanza bejn il-faċċati tal-bini fuq iż-żewġ naħat tat-triq tiżdied għal tlettax-il metru. Saru wkoll *traffic impact assessment* fuq numru ta' *junctions* fil-madwar.

8.4. Il-Perit Farrugia kompla jispjega li fuq in-naħa ta' Triq Lewis Wettinger ser ikun hemm irtirar ta` sitt metri mil-linja attwali tat-triq. Dan sar wara li ttieħdu in konsiderazzjoni l-pjanijiet ta' Transport Malta dwar il-bdil fil-linja ta' Triq Lewis Wettinger bħala parti mit-*Trans European Road Network*. L-iżviluppattur qed jipproponi wkoll li ssir *promenade* bejn l-art li ser tiġi żviluppata u l-linja l-ġdida ta` Triq Lewis Wettinger.

8.5. Is-Sur S. Farrugia qal li l-*Planning Gain* li tista' timponi l-MEPA probabilment jintrabat sabiex jiffinanzja t-tibdil tal-*junctions* li jkun meħtieġ b'rabta mal-iżvilupp propost.

8.6. Fuq mistoqsija tas-Sindku, il-Perit S. Farrugia qal li l-appartamenti ser ikunu mgħammra b'sistema ta' *shoots* biex fihom jiġi depożitat l-iskart domestiku. Dan biex jiġi evitat li l-iskart jitħalla barra fejn jidher ikkonċentrat fi ftit postijiet. Huwa spjega wkoll li l-ilma tax-xita ser jinġabar f'ġibjuni sabiex ma jmurx fit-toroq.

8.7. Wara li rtira l-Perit Farrugia tkompliet is-seduta. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti din il-materja fis-seduti li ġejjin.

## 9.1. Ftehim dwar it-tmexxija tat-Torri l-Abjad u l-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)(A/6/7/1)

9.2. Is-Sindku għarraf li l-kuntratt bejn il-Kunsill u t-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern dwar id-devoluzzjoni tal-proprjeta` f'Selmun u l-Imġiebaħ ser jiġi ffirmat fl-4 ta' Novembru 2011. Id-dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.

9.3. Huwa qal ukoll li l-Historical and Military Society, kif ukoll l-Fundazzjoni Arkeo kellhom jisssottomettu rapporti dwar ir-restawr tat-Torri l-Abjad u l-*Heritage Trail* ta' Selmun, iżda sal-ġurnata tas-seduta dawn kienu għadhom ma ġew ippreżentati. Għalhekk id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 10.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2011 (A/5/3/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku ppropona li l-i*stands* tal-A.I.M. u l-Għaqda Dilettanti tan-Nar għandhom ikunu bi dritt Triq il-Madonna tal-Għar, b'darhom lejn l-Uffiċċju Parrokkjali. Dan għar-raġuni li d-

dħul li ser ikollhom tal-A.I.M. ser imur kollu għall-karita`, filwaqt li l-Għaqda tan-Nar ser tkun involuta fil-*Christmas Breakfast* fil-lejl tal-Milied. Issuġġerixxa wkoll li l-i*stands* tal-ikel l-oħra li ser ikunu taħt it-tinda għandhom jittellgħu bil-polza u jarmaw b'darhom lejn il-parapett. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u riżultat tal-polza kien kif ġej:

Ordini tal-i*stands* minn bi dritt Triq il-Madonna tal-Għar sa Triq il-Parroċċa:

1. Societa` Filarmonica La Vittoria
2. Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina
3. Mellieħa Sports Club
4. Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista
5. Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa
6. Ċentru Parrokkjali Maria Bambina
7. Koperattiva Rurali tal-Manikata

10.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li jkun hemm attrazzjoni permezz ta' kant li jkunu jistgħu jipparteċipaw it-tfal preżenti. Dan ikun fuq medda ta' sebat ijiem u jittellgħa mis-Sinjorina Abigail Williams bi spiża ta' €955. *Iż-żeffiena mill-United World College of the Adriatic* li ser jagħtu *street performances* bejn is-17 u l-21 ta' Diċembru ser jagħmlu tajjeb huma għal €60 kull wieħed għall-akkomondazzjoni, filwaqt li d-differenza ser titħallas mis-Segretarjat responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Saru kuntatti mal-kantant Freddie Portelli u l-grupp mużikali JAMM. Is-Sindku qal illi huwa maħsub li nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru jittellgħa kunċert mill-kantanti kollha Melleħin. Is-Sibt 24 ta' Diċembru jkun hemm sfilata mill-karattri ta' Disney mmexxija mis-Sur Philip Vella. Għal dan il-għan intalab permess minn Transport Malta sabiex Triq Ġorġ Borg Olivier tingħalaq bejn is-6.30pm u 7.30pm.

10.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istampar tal-programm ser jiġi sponsorjat mid-ditta Splash & Fun, filwaqt li jibgħat artisti matul il-ġimgħa. Id-ditta I.T.C. Ltd ikkwotat is-somma ta' €1,100 sabiex iddawwal it-tinda u l-palk, filwaqt li saret sejħa għall-istimi għal *P.A. system* u għal kiri tat-tinda.

10.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa aktar 'il fuq.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2011 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

11.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan id-dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 12.1. Titjib fis-sit elettroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li saru kuntatti mad-ditta Abacus Solutions Ltd dwar bdil fid-dehra tas-sit elettroniku tal-Kunsill u bil-għan li l-*uploading* meħtieġ minn żmien għal żmien jsir mill-impjegati tas-segretarjat, bħal fil-każ tal-magazin "Mill-Qiegħa". Biex isir dan, hemm l-ispejjeż segwent:

| | Option 1 | Option 2 | Option 3 |
|---|---|---|---|
| **Nru. Ta' Pagni** | 10 | 25 | Bla Limitu |
| ***Banner Manager*** | Xejn | X | X |
| ***Blog Manager*** | Xejn | X | X |
| ***Testimonial Manager*** | Xejn | X | X |
| **Lingwi** | 1 | 1 | 2 |
| ***Form Builder Manager*** | Xejn | Xejn | X |
| **Spiża ta' darba** | €588.82 | €824.82 | €1178.82 |

12.3. Ġie spjegat ukoll li jkun hemm spiża ta' €295 kull sena bħala *hosting licence* li tinkludi spazju ta' 1 GB u *bandwith* bla limitu.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandu jaddotta *Option* 3, peress li fost vantaġġi oħra tipprovdi li s-sit elettroniku jkun f'żewġ lingwi – Malti u Ingliż – kif ukoll li jistgħu jiżdiedu paġni kemm ikun meħtieġ.

### 13.1. Wesgħa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mithna l-Gdida (K/6/4/1)

13.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Novembru 2011, mibgħuta mill-MEPA dwar il-*minor amendments* mitluba fir-rigward tal-permess PA 4737/09 li jinvolvi l-wesgħa ta' quddiem l-iskola.

13.3. Is-Sindku għarraf kienet ippjanata laqgħa, fejn flimkien miegħu ser jattendu wkoll il-Perit Joseph Attard. Fl-istess laqgħa ser tiġi spejgata l-posizzjoni tal-Kunsill rigward il-parkeġġ u l-*water features*.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Adeżżjoni mal-Patt tas-Sindki (A/4/5/Vol II)

14.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-korrispondenza li għaddiet bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsill dwar l-arranġamenti li saru għall-iffirmar tal-Patt tas-Sindki li essenzjalment huwa wiegħda bejn numru ta' kunsilli lokali ewropej sabiex jaħdmu favur il-ħarsien tal-ambjent fil-ħidma rispettiva tagħhom. Għaldaqstant huwa ġie mistieden sabiex fit-28 u d-29 ta' Novembru 2011 jmur fi Brussel, flimkien ma' Sindki Maltin oħra , biex jiffirma dan id-dokument. L-ispiża tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni inizjalment ser titħallas mill-Assoċjazzjoni, iżda finalment il-Kunsill irid jagħmel tajjeb għaliha. Din tinvolvi €129.50 għall-akkomodazzjoni u €338.19 għat-titjiriet.

14.3. Il-Kunsill innota u approva din in-nefqa.

### 15.1. PA 5985/09 - Kamra tan-nar f'Qasam Barrani (P/5/8/Q)

15.2. Il-Sindku għarraf li d-deċiżjoni meħuda mill-MEPA fir-rigward tal-applikazzjoni imsemmija kien ġiet appellata mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar, permezz ta' talba 419/11 ippreżentatata fit-2 ta' Ġunju 2011. Huwa qal li attenda l-ewwel smiegħ u fejn spjega l-posizzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-Bord tal-Appelli mistenni li jiddeċiedi sat-8 ta' Marzu 2012.

15.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 16.1. Attivitajiet fil-Bajja tal-Għadira (A/6/3/2/Vol 26)

16.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa ġie avviċinat mis-Sur Twanny Curmi, li lmenta miegħu li ġie mċaħħad milli jagħmel rappreżentazzjonijiet quddiem il-Kunsill dwar aspetti li jolqtu n-negozju tiegħu fl-istabbiliment Costa del Sol ġewwa l-Għadira. Huwa staqsa x'inhi l-pożiżżjoni dwar dan.

16.3. Is-Sindku wieġeb li fost l-ilmenti li qed jagħmel is-Sur Curmi, hemm iż-żamma ta' *beach parties* kbar, filwaqt li qed jitlob li jkollu aċċess bil-vetturi fuq il-bajja. Is-Sur R. Cutajar qal li dawn il-fattur mhux kompatibbli mal-isforzi li qed isiru sabiex din il-bajja togħla għall-i*status* ta' *Blue Flag*.

### 17.1. Periklu f'sit bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq Għar u Casa (P/5/2)

17.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li nħoloq periklu għar-residenti li jabitaw fil-bini li jinsab bejn Triq l-Għar u Casa u Triq il-Wied Ta' Ruman. Dan qed jiġi kkawżat permezz ta' tafal instabbli, allegatament mibdi bil-ħruġ ta' ilma jew drenaġġ u sussegwentement bix-xita li niżlet. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa żar il-post flimkien mal-Perit Daniel Cordina minn Transport Malta, filwaqt li l-*Contracts Manager* għamel rapport dwar is-sitwazzjoni. Huwa kkummenta wkoll li għalkemm il-Kunsill mhux responsabbli għal din is-sitwazzjoni, jemmen li huwa moralment obbligat li jintervjeni biex ikun hemm sigurta` għar-residenti. Kompla jgħid li jeħtieġ jittieħdu aktar miżuri biex jitbiegħed il-periklu.

17.3. Is-Segretarju qal l-Korporazzjoni Enemalta ġiet mitluba sabiex tispostja arblu tal-elettriku li kien hemm fuq il-post, filwaqt li ħaddiema mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vverifikaw li m'hemm ebda *leaks* mill-*mains* tagħhom. It-triq proviżorja li twassal għall-parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa ġiet spustjata aktar 'il ġewwa. Huwa aċċenna wkoll li l-Pulizija ġew infurmati.

17.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**18.1. Tindif volontarju (T/6/Vol III)**

18.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Ambaxxata tal-Istati Uniti dwar tindif volontarju li jixtiequ jagħmlu l-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment mill-Qawwa Navali tal-istess pajjiż f'bajja li jindikalhom il-Kunsill.

18.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, għalkemm ma ġietx indikata ebda bajja.

**19.1. *Heritage Trail* fil-Manikata (P/10/14)**

19.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni *outline* li kienet saret lill-MEPA – PA 2501/09 – sabiex isir ir-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ, girna u raddett ir-roti fil-Manikata bhala parti minn *heritage trail.* Huwa ppropona li din it-talba tiġi sottomessa b'mod sħiħ.

19.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**20.1. Mixjiet organizzati mill-Kunsill f'zoni rurali (A/5/3/Vol VIII)**

20.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 2011 jerġgħu jibdew il-mixjiet fil-kampanja organizzati mill-Kunsill.

20.3. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**21.1. Proġett tat-Tunnara (P/4/4/Vol III)**

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li l-Batterija ta' Westreme teħtieġ tiswija urġenti fuq il-bejt u l-ħitan tal-opramorta, peress li qed jinfetħu bl-ilma li qed jidħol fihom. Huwa ppropona li l-*Contracts Manager* jiġi mitlub jżur il-post sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri li jridu jittieħdu.

21.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**22.1. Fuljett imqassam mill-Kumitat Lokali tal-Partit Laburista Mellieħa (M/3/Vol III)**

22.2. Is-Sindku rrefera għall-fuljett imsemmi li tqassam f'Novembru 2011 lir-residenti tal-lokalita`. Huwa qal li dan kien fih numru ta' ineżattezzi, fosthom fejn ġie allegat li l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-2008 fil-Mellieħa insterqet mill-Partit Nazzjonalista. Huwa rrimarka li dan it-tip ta' kumment huwa nġust, peress li kullħadd jaf li l-proċess kien wieħed trasparenti, skont il-liġi u ma sar xejn illegali. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li wieħed mill-artikoli kien jgħid ukoll li l-Gvern Nazzjonalista ta rigal lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, billi estendielu il-mandat tiegħu b'sentejn, bit-trasferiment tal-elezzjoni lokali biex taħbat ma' dik ġenerali. Is-Sur R. Cutajar qal li dan affettwa wkoll lill-Kunsilli Lokali b'maġġoranza Laburista f'lokalitajiet oħra u għalhekk il-kumment ma kienx wieħed li jagħti stampa sħiħa. Riġward l-kumment li sar dwar it-tisbiħ tas-*soft area* ta' quddiem l-Iskola Primarja, fl-istess fuljett, is-Sindku rrimarka li kull deċiżjoni li ttieħdet dwar dan il-proġett kellha l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2011, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**